# IL-FESTA TA' KRISTU RE

*Tagħrif u Analiżi minn Karmenu Ellul Galea*

Nhar il-Ħadd li ġej fil-parroċċa ta' Kristu Re, Raħal Ġdid issir il-festa titulari. Nistgħu ngħidu li sa mill-ewwel żminijiet, l-insara kienu jagħrfu u jqimu lil Kristu Ġesù bħala sultan. Kien proprju nhar il-11 ta' Diċembru 1925, li l-Papa Piju XI waqqaf il-Festa Liturġika ta' Kristu Re. F'dan il-jum, permezz tat-tieni Enċiklika tiegħu *Quas Primas*, imxandra lejlet il-Milied ta' l-1925, istitwixxa u daħħal fil-Liturġija Mqaddsa l-Festa tas-Saltna.

Id-dinja nisranija kienet laqgħet b'ferħ kbir it-twaqqif ta' din il-festa ġdida. Fil-fatt, l-insara kienu ilhom jistennewha, iżjed u iżjed minn mindu dan l-istess Papa, f'Mejju 1923, kien ħareġ l-ewwel Enċiklika *Ubi arcano*. Is-suġġett ta' din jittratta dwar **Il-Paċi ta' Kristu fis-Saltna ta' Kristu**. Fiha kien semma li l-paċi li l-bnedmin tant kienu qed jixtiequ kienet nieqsa mid-dinja, li la bejn il-ġnus, la fis-soċjetà, la fil-familja u lanqas f'kull bniedem ma kienet tinsab il-paċi. Id-dinja, qal il-Papa, kienet fi stat ta' gwerra.

Fis-snin ta' bejn dawn iż-żewġ Enċikliki d-dinja, l-aktar l-Ewropa, kienet għadha mħawda b'dawk il-kundizzjonijiet tal-Paċi li keinu ġew deċiżi fil-Kungress ta' Versailles fit-28 ta' Ġunju, 1919. Il-Papa Benedittu XV, li kien ħadem ferm għall-paċi fi żmien l-ewwel Gwerra Dinjija, lanqas biss ma kien ġie mistieden biex jieħu sehem f'dawn it-taħditiet għall-paċi.

Fost it-telliefa u r-rebbieħa baqgħu l-għira, il-mibegħda u kif jaħkmu wieħed fuq l-ieħor. Fil-Ġermanja tfaċċa n-nażismu, l-Italja nbelgħet mill-faxxiżmu u r-Russja nħakmet mill-komuniżmu. Fit-tliet każi, il-ħsieb ta' Alla u s-sehem tal-Knisja mhux biss ġew imwarrba, imma mjassra u ppersegwitati. Fl-istess Italja, il-Knisja kienet għadha għaddejja minn inkwiet ma' l-Istat dwar is-sovranità temporali tagħha f'dik l-art. Pajjiżi oħra fl-Ewropa u l-Asja Minuri, b'konsegwenza tal-gwerra, kienu qed ibatu l-ġuħ. Nazzjonijiet rebbieħa u m'humiex, kienu mifnijin bil-problema tal-qgħad u tad-djun. Kibru wkoll il-bruda u t-theddid għar-reliġjon ta' Kristu. Il-kelma ta' Alla u t-tagħlim tiegħu, għal ħafna u ħafna nazzjonijiet kienu tilfu mis-siwi u l-importanza ta' qabel.

X'ġiegħel lill-Papa Piju XI joħloq il-Festa ta' Kristu Re

Aħna wkoll, minkejja ċ-ċokon tagħna u li ftit jew xejn kienet taf bina d-dinja allura, f'pajjiżna wkoll kellna l-problemi kbar u l-kriżijiet serji tagħna. Eluf ta' ħaddiema kienu għadhom bla xogħol. Skarsezza fl-oġġetti u l-ħtiġijiet għall-ħajja. Oħrajn bla mezzi biżżejjed għas-saħħa u l-għixien, jew, biex setgħu jemigraw għal biċċa tal-ħobż. L-effetti tal-gwerra u t-taqlib ekonomiku u industrijali fl-Ewropa u anke fl-Istati Uniti ta' l-Amerika kienu qed jherruna u jbaxxulna l-moral.

Fl-isfond ta' dinja mqallba u msallba, fl-1925, il-Papa Piju XI magħruf bħala l-Papa tal-missjonijiet ħass il-bżonn li jwaqqaf il-festa ta' Kristu Re. Fil-bidu ta' l-Enċiklika *Quas Primas* għat-twaqqif ta' din il-festa solenni, qalilna ċar li dan il-gwaj kollu kien ġej mill-fatt li l-biċċa l-kbira tal-bnedmin kienu warrbu lil Ġesù Kristu u l-liġi tiegħu minn ħajjithom. Li dawn ma kellhomx post mistħoqq la fl-affarijiet privati u lanqas fil-ħajja politika. Fisser li sakemm l-individwi u l-Istati



jibqgħu jirrifjutaw li jbaxxu rashom għal-liġi tas-Salvatur tagħna, ma kien hemm ebda ħjiel ta' tama għall-paċi dejjiema fost il-ġnus. Għaldaqstant, issokta l-Papa, il-bnedmin għandhom ifittxu l-paċi ta' Kristu fis-Saltna ta' Kristu.

Barra dan it-taħwid u l-bruda reliġjuża fost il-bnedmin u n-nazzjonijiet, kien hemm fatturi oħra li kienu qed iqanqlu u jħeġġu lil Piju XI biex jistitwixxi l-festa ta' Kristu Re. Is-sena 1925 kienet ipproklamata mill-Knisja Kattolika bħala s-Sena Mqaddsa. F'din is-sena kienu saru ġrajjiet sbieħ u memorabbli li taw ġieh u glorja lill-Mulej u Sultan tagħna, il-Fundatur tal-Knisja.

Raġuni oħra li ħajritu biex joħloq din il-festa ta' Kristu Sultan kienet meta ra li n-nies kienet impressjonata għall-aħħar biż-żelu ma jaqta' xejn tal-Knisja għat-tixrid tas-Saltna ta' l-Għarus tagħha sa l-iżjed postijiet imbegħdin tad-dinja. Dan fakkru kemm kien għad fadal reġjuni shaħ bla ma jafu bis-sbuħija u l-madmad ħelu tas-salvezza ta' Kristu Sultan. Ħaġa oħra li wasslitu biex jagħmel din il-festa ta' Kristu Re kienu l-qtajjiet kbar ta' nies, ma' l-isqfijiet u s-saċerdoti, li fil-preżenza tiegħu (tal-Papa) kienu wegħdu lealtà għal-liġi ta' Kristu.

F'din l-okkażjoni kien ħass ferħ u faraġ kbir meta f'San Pietru, waqt il-kanonizzazzjoni ta' sitt qaddisin ġodda, il-folol kbar bdew ikantaw *Tu Rex gloriae Christe.*

Barra dawn, il-Papa Piju XI, ried li f'dik is-Sena Mqaddsa, 1925, ifakkar ukoll is-sittax-il ċentinarju tal-Konċilju ta' Nicaea. F'dan il-Konċilju, is-Sinodu ta' l-Isqfijiet kien żied fil-Kredu: *"Li s-Saltna Tiegħu ma jkollha qatt tmiem."*

Il-Kungressi Ewkaristiċi, tant dawk internazzjonali kemm ukoll djoċesani, kienu xhieda oħra qawwija li Ġesù Kristu kien ġa qed ikun magħruf bħala sultan, mhux biss ta' l-erwieħ imma wkoll tal-popli u l-ġnus tad-dinja. F'pajjiżna, dak internazzjonali, kien sar f'April 1913. Fuq dan, ir-rivista *Civiltà Cattolica*, kienet kitbet **"li ma kienx sar ieħor bħalu, u li kien sebaq il-Kungressi kollha"**. F'dan il-Kungress, permezz ta' l-Innu Ewkaristiku T'adoriam, Ostia Divina, Malta kompliet qanqlet id-devozzjoni u l-imħabba lejn is-Saltna ta' Kristu.

Il-Papa Piju XI, permezz ta' din l-Enċiklika *Quas Primas*, waqt li bl-Awtorità Appostolika tiegħu istitwixxa l-Festa tas-Saltna ta' Kristu, ordna li din kellha tibda tiġi ċċelebrata mad-dinja kollha nhar l-aħħar Ħadd ta' Ottubru. Magħha kien ordna wkoll dedikazzjoni ta' l-umanità lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù issir ukoll kull sena fl-istess jum ta' din il-festa ta' Kristu Re.

Fil-gżejjer tagħna, bħal fid-dinja kattolika, il-festa ta' Kristu Re ġiet iffesteġġjata għall-ewwel darba nhar il-Ħadd, 31 ta' Ottubru 1926. Il-korteo li sar filgħodu beda minn quddiem il-Kon-Katidral ta' San Ġwann sa ħdejn il-Mafkar ta' Kristu Re. Fost il-kuruni f'riġlejn dan il-monument kien hemm tas-Soċjetà Filarmonika G.M. De Paule. Tliet xhur qabel din il-manifestazzjoni nazzjonali, f'Lulju 1926, każin taż-żgħażagħ fir-raħal tagħna kien ġie ddedikat lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù Re, fost il-kant ta' *Noi Vogliam Dio.*

Id-devozzjoni f'dan ir-raħal lejn Kristu Re kompliet titħeġġeġ bit-twaqqif ta' statwa ġdida ta' l-irħam fil-knisja parrokkjali fl-1935. Għaxar snin wara, il-poplu ta' Raħal Ġdid kien ressaq rikors quddiem Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi biex il-knisja u l-parroċċa tagħna jiġu ddedikati lil Kristu Re. Minn din l-istess sena, 1945, it-titular, mill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù nbidel għal ta' Kristu Re.